



Brussell, 2 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8483/20

FISC 123
ECOFIN 455

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	2 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8093/20 8095/20 ADD 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness I il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, li ġew approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub li ntemmet fl-1 ta' Ġunju 2020 (CM 2383/20), flimkien ma' dikjarazzjoni mill-Ungerija (Anness II).

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**DWAR L-ISTRUTTURA U R-RATI TAD-DAZJU TAS-SISA FUQ IT-TABAKK
MANIFATTURAT**

Il-Kunsill:

1. JILQA' l-aħħar Evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva 2011/64/UE dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat u s-sejbiet stabbiliti fiha;
2. IFAKKAR U JIKKONFERMA l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016, adottati b'rispons għar-Rapport tal-2015 tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE skont il-programm REFIT u dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat;
3. JIEĦU NOTA tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ma tressaqx proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata d-Direttiva 2011/64/UE fl-2017, kif mitlub mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2016;
4. ISOSTNI L-FEHMA li huma meħtieġa emendi għad-Direttiva 2011/64/UE għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa madwar l-UE;
5. JIRRIKONOXXI li d-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2011/64/UE saru inqas effettivi, peress li jew m'għadhomx suffiċjenti jew huma limitati wisq biex jindirizzaw l-isfidi attwali u futuri, fir-rigward ta' xi prodotti, bħal pereżempju likwidi għal sigaretti elettroniċi, prodotti tat-tabakk imsaħħna u tipi oħra ta' prodotti tal-ġenerazzjoni li jmiss, li qed jidħlu fis-suq;

6. ITENNI li għalhekk jeħtieġ li l-qafas regolatorju tal-UE jiġi aġġornat b'mod urġenti, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern bl-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet u t-trattament tat-taxxa ta' prodotti ġodda (bħal pereżempju likwidi għas-sigaretti elettroniċi u prodotti tat-tabakk imsaħħna), inkluż prodotti, kemm jekk fihom in-nikotina u kemm jekk le, li jissostitwixxu t-tabakk, sabiex jiġu evitati l-inċertezza legali u d-differenzi regolatorji fl-UE, filwaqt li jitqiesu l-prattiki tajbin rilevanti u l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri f'dan il-qasam, u, fejn xieraq, l-oġettivi tad-Direttiva 2011/64/UE, li tinkludi wkoll l-oġettiv li d-diversi tipi ta' prodotti tat-tabakk, distinti mill-karatteristiċi tagħhom u mill-mod kif jintużaw, jenħtieġ li jiġu definiti;
7. JIKKONFERMA li jeħtieġ li jiżdiedu l-koerenza u s-sinerġija tal-oġettivi tat-taxxa u dawk fiskali tad-Direttiva 2011/64/UE ma' politiki u leġislazzjoni oħra tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-aspetti rilevanti kollha tal-kontroll fuq it-tabakk, inkluż is-saħħa pubblika, ir-regolamenti doganali, il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu, l-evazzjoni tat-taxxa u l-ħarsien tal-ambjent;
8. JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, li l-konsum tal-prodotti tat-tabakk għadu wieħed mill-akbar riskji għas-saħħa fl-UE li jistgħu jiġu evitati u impediti, JIKKONFERMA l-ħtieġa li tinkiseb aktar koerenza fid-dawl tal-aġenda tal-UE fil-ġlieda kontra l-kanċer u JFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk;
9. JINNOTA li, f'konformità mas-sejbiet tal-Kummissjoni Ewropea fl-aħħar rapport tagħha dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE, il-kummerċ illeċitu fil-prodotti tat-tabakk għadu sostanzjali u jkompli jikkostitwixxi sors ta' tħassib, peress li l-Istati Membri jħabbtu wiċċhom mat-traffikar illeċitu, kemm fl-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi, li jimmina il-politiki dwar is-saħħa pubblika u jżid l-evazzjoni tat-taxxa. Għalhekk, huma meħtieġa inizjattivi tal-UE u tal-Istati Membri li jfittxu aktar sinerġiji mal-politiki dwar l-infurzar tal-liġi u li jsaħħu dawn il-politiki, sabiex titnaqqas id-domanda għal prodotti illegali u jiġu miġġielda l-kuntribandu u l-produzzjoni illegali;

10. JISSOTTOLINJA li l-kummerċ illegali tat-tabakk "bl-ingrossa" qed jiżdied u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal sistema li tikkontrolla l-moviment tat-tabakk mhux maħdum, u li r-riskji ta' devjazzjoni lejn iċ-ċirkolazzjoni illegali jenħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-UE bl-istabbiliment ta' definizzjoni komuni ta' tabakk mhux maħdum u regoli ta' kontroll xierqa, b'valutazzjoni u fehim ċari tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' kontroll u monitoraġġ akbar, filwaqt li jitqiesu l-prattiki rilevanti introdotti mill-Istati Membri f'dan il-qasam u jiġu evitati riskji ta' tassazzjoni doppja;
11. IQIS LI JEĦTIEĠ li tiġi esplorata s-sostituzzjoni indotta mit-taxxa fil-prodotti u l-kummerċ illeċitu relatat kif ukoll il-possibbiltà li jittejbu d-definizzjonijiet, sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-kontroll tat-taxxa, il-ġbir tad-dħul u l-protezzjoni tas-saħħa;
12. ISOSTNI l-fehma li d-definizzjonijiet ta' ċerti prodotti tat-tabakk manifatturati fil-leġislazzjoni tal-UE dwar id-dazji tas-sisa jenħtieġ li jittejbu, peress li l-preżenza ta' ċerti kriterji soġġettivi f'dawn id-definizzjonijiet tirriżulta f'inċertezzi tad-dritt li jeħtieġ jiġu indirizzati. F'dan il-kuntest, jistgħu jiġu kkunsidrati definizzjonijiet ibbażati fuq il-klassifikazzjoni għal finijiet doganali fin-Nomenklatura Magħquda. Fejn meħtieġ, kategoriji ta' prodotti ġodda kif ukoll definizzjoni ta' tabakk mhux maħdum jenħtieġ li jiġu miżjudha mad-Direttiva 2011/64/UE;
13. HUWA KONVINT li hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE sabiex ir-rati minimi tad-dazju tas-sisa jerġgħu jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jitnaqqas il-konsum ta' prodotti tat-tabakk u r-rati minimi tad-dazji tas-sisa fuq għadd ta' prodotti tat-tabakk ikollhom jiżdiedu, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod xieraq il-fatturi stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill u l-fatt li għadd ta' Stati Membri reċentement żiedu r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat;
14. JENFASIZZA l-fatt li hija meħtieġa aktar konverġenza fir-rati tad-dazju tas-sisa fl-UE kollha, peress li s-sitwazzjoni attwali tiġġenera livelli konsiderevoli ta' flussi transkonfinali fxi Stati Membri u f'dan il-kuntest JINNOTA li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2008/118/KE u d-Direttiva (UE) 2020/262 għandhom ikunu aktar effettivi u aktar effiċjenti;

15. HUWA MĦASSEB ĦAFNA li disparità kbira fit-taxxi (u fil-prezzijiet) ta' prodotti tat-tabakk bejn xi Stati Membri qed tiffaċilita l-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk orħos bejn il-fruntieri ġewwa l-UE, li ma kienx l-effett mixtieq skont id-Direttiva 2011/64/UE, u b'hekk tikkontradixxi l-prinċipju li d-dazji tas-sisa għandhom jiġu applikati u mħallsa fil-pajjiż tal-konsum;
16. JINNOTA li l-kwistjonijiet identifikati f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill jiġġeneraw telf ta' dħul mit-taxxa sinifikanti u li qed jiżdied għal xi Stati Membri, u li dan jippreżenta wkoll tħassib kbir u urġenti f'termini tal-oġġettivi tas-saħħa pubblika adottati minn għadd ta' Stati Membri;
17. JINNOTA li huwa importanti li tiġi evitata d-destabbilizzazzjoni tas-suq u li ma jiġux inċitati l-produzzjoni, il-moviment jew il-kummerċ illeċitu, peress li l-livelli tal-introġtu u l-kondizzjonijiet ekonomiċi huma differenti fost l-Istati Membri;
18. HUWA TAL-FEHMA li, meta tiġi riveduta s-sistema tar-rati tad-dazju tas-sisa fl-UE, jeħtieġ li jiġi żgurat funzjonament aħjar tas-suq intern flimkien mal-oġġettivi tad-dħul, is-saħħa pubblika u s-sigurtà pubblika, u jeħtieġ li jiġu kkunsidrati għadd ta' fatturi differenti li jaqdu rwol fil-bilanċ inġenerali, bħad-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodotti, il-piż li jirrappreżenta l-ispiża soċjali tal-użu tat-tabakk, il-piż totali tat-taxxa (inkluż il-VAT), il-paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist, is-sitwazzjoni ekonomika u l-pożizzjoni ġeografika tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Istati Membri kkonċernati;

19. JINNOTA, madankollu, li żieda fir-rati minimi kif stabbilit fid-Direttiva 2011/64/UE jenħtieġ li ssir b'mod gradwali u proporzjonat, filwaqt li tipprovdi biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex jiksibu l-oġettivi tad-dħul u tas-saħħa pubblika tagħhom, u b'kont meħud tas-sitwazzjoni makroekonomika ġenerali tal-Unjoni u r-realtajiet ekonomiċi tal-Istati Membri, u JENFASIZZA l-fatt li diffiċli tinkiseb konverġenza totali fir-rati tad-dazju tas-sisa u fil-prezzijiet fuq il-prodotti tat-tabakk, minħabba d-differenzi fil-livelli ta' introjtu disponibbli u s-sitwazzjoni ekonomika fl-Istati Membri;
20. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tqis dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li tkompli l-ħidma tagħha li għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament ġenerali tar-regoli dwar id-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, u JITLOB li l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta, abbażi ta' informazzjoni aġġornata uwara li twettaq analiżi teknika rilevanti, konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt, proposta leġislattiva lill-Kunsill, bl-oġettiv li tindirizza, kif xieraq, it-tħassib imniżżel f'dawn il-konklużjonijiet.
-

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Filwaqt li tappoġġa t-test tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, l-Ungerija tiddikjara li l-aħħar parti tal-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet ma tistax tiġi interpretata bħala l-impenn tal-Ungerija li, f'każ ta' żieda fid-dazju (minimu) tas-sisa fuq kwalunkwe prodott tat-tabakk, tali żieda għandha tiġi allinjata ma' dik applikabbli fl-Istati Membri, li reċentement żiedu r-rati tad-dazju tas-sisa fuq tali prodott tat-tabakk."
